# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

## 8 LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 34

**It-Tlieta, 6 t' April, 2021.**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' bil-presenza tas-Sur Sindku, fil-ħamsa u nofs ta' waranofsinhar, permezz tal-Microsoft Teams, minħabba s-sitwazzjoni kurrenti tal-COVID-19.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Farrugia | Sindku |
| Is-Sur Scott Camilleri (SC) | Viċi Sindku |
| Is-Sur Sandro Alex Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sa Josette Busuttil (JBD) | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Carlo Stivala (CS) | Kunsillier |
| Is-Sa Maria Mifsud (MM) | Kunsillier |
| Is-Sa Doriana Portelli (DP) | Kunsillier |
| | |
| Membri tal-Pubbliku: | NIL |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

NIL

**ASSENTI**

NIL

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Is-Sa Rosalie Mintoff – Segretarju Eżekuttiv

Il-viċi Sindku,  ippresjeda.

## Minuti

## 34.01 Qari tal-ittri t' apoloġija

34.01.01 NIL

## 34.02 Approvazzjoni tal-Minuti (33)

34.02.01 Inġibdet l-attenzjoni minn (AC), f'paġna 2/11, isem il-Villa jrid ikun jaqra Ippolito.

34.02.02 (AC) ikkummenta wkoll, li f'paġna 6/11 (para. 33.10.09), irridu jitneħħew il-kelmiet *issir tabella* u tiġi emendata għal: tinżebagħ il-kaxxa.

34.02.03 (DP) ġibdet l-attenzjoni li f'dal Minuti għanda ssir dikjarazzjoni relatata ma' (para. 33.10.31 – f' paġna 9/11), li tgħid: (DP) qed titlob li fuq l-isketch ikun hemm pajsaġġ mal-promenad, biex minnu wieħed ikun jista' jniżżel kenura u jibqa' niżel għal baħar minn dan il-pajsaġġ.

Il-proponent kien il-viċi Sindku - issekondat minn (DP).

## 34.03 Skeda ta' pagamenti u petty cash

34.03.01 (SE) ippreżentat kopja tal-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash. Il-Kunsill ma sab l-ebda diffikultà u approva kemm l-iskeda tal-pagamenti, kif ukoll tal-petty cash.

Il-proponent kienet (MM), issekondata minn (AC).

## 34.04 Approvazzjoni tal-kwotazzjonijiet

34.04.01 (SE) ippreżentat il-kwotazzjonijiet relatati:

- Qlugħ ta' siġar tal-Yukki – Il-Kunsill approva l-orħos kwotazzjoni, mingħand Christopher Bonello - €1,404.20.
- Structuring tat-tenders – Misraħ Pietru Pawl Saydon u Misraħ San Ġorġ Preca – il-Kunsill approva l-kwotazzjoni mingħand: Wayne Caruana – (€1,500.00 VAT exempt) – għaż-żewġ tenders.
- Xiri tal-magna tal-AED – Il-Kunsill qabel li fejn tidħol is-saħħa tal-bniedem, mhux l-orħos prezz jerbaħ. Għaldaqstant, qabel ukoll, sabiex il-kunsilliera jerġgħu jaraw il-kwotazzjonijiet u jiddeċiedu minn hemm.*

**Sakemm inkitbu dawn il-Minuti, kienet ittieħdet deċiżjoni bejniethom li tinxtara l-magna, mingħand OK Malta (500), għal valur ta' €1,690.00 (VAT ink.)*

- Il-Kunsill qabel ukoll, sabiex is-Sur Wayne Caruana jerġa' jippubblikalna t-tender tal-Ġnien il-Kunsill. Dan wara li, it-tender li ġie ppubblikat minn MS Advisory, kellu jaqa', filwaqt li din l-istess kumpanija offriet li tirrimborsja s-somma globali li ngħatat għal dan l-istess servizz.

## 34.05 Approvazzjoni tal-għeluq tal-probation tas-Segretarju Eżekuttiv

34.05.01 Il-Kunsill b'vot unanimu, approva bit-tkomplija tas-servizz mogħti mis-Segretarju Eżekuttiv

## 34.06 Kommunikazzjoni mressqa mis-Sindku

34.06.01 Is-Sur Sindku talab lis-segretarju eżekuttiv, sabiex tikteb lis-CEO ta' Infrastructure Malta, biex jikkonferma meta ser issir ix-xogħol, f' Dawret il-Qalb Imqaddsa.

34.06.02 Is-Sindku staqsa lil (AC) aġġornament fuq l-islipway tal-Monument tas-Summit. (AC) ikkonferma li x-xogħlijiet għandhom jitlestew sal-aħħar ta' Mejju, 2021.

34.06.03 Is-Sindku talab lil (SE) sabiex issejjaħ laqgħa mal-Freeport, biex jikkonfermaw meta ser jinbeda l-proġett tal-Multi-Storey parking.

## 34.07 Deċiżjoni fuq il-proġett ta' Wied il-Buni

34.07.01 Is-Sindku tkellem fuq id-devoluzzjoni tal-art, fejn esprima li ma jaqbilx ma' din id-devoluzzjoni li taqa' f'idejn il-Kunsill. Madankollu, jaqbel mal-proġett. Huwa qal li kemm il-latrina ta' dik iż-żona, kif ukoll il-ġnien, dejjem il-Kunsill ħa ħsiebhom u għaldaqstant iħoss li l-art diġà qiegħda fir-responsabilità tal-Kunsill. Is-Sindku prova jfiehem li triq li tkun konfrontata minn volum kbir tat-traffiku, fi żmien għaxar snin, tkun trid issir mill-ġdid, u għaldaqstant ma jixtieqx li jħalli problemi lil Kunsill futur. Huwa stqarr li l-Ministru dejjem jgħid li, lil kunsilli ttieħdilhom diversi responsabilitajiet, għaliex il-Kunsilli ma jifilħux għalihom. Jekk il-Kunsill jieħu d-devoluzzjoni tal-proġett ta' Wied il-Buni, ikun qiegħed jerfa' r-responsabilità ta' Triq San Patrizju wkoll, għaliex din it-triq mhix alterjali.

34.07.02 (MM) ikkonfermat illi l-ġnien diġà qiegħed fir-responsabilità tal-Kunsill.

34.07.03 (SZ) ta spjegazzjoni fejn qal li, it-toroq tal-lokalità jaqgħu kollha f' idejn il-Kunsill lokali. Madankollu, toroq li jerġgħu jsiru minn Infrastructure Malta, jaqgħu fir-responsabilità ta' din l-awtorità, bħalma hi Triq Zaren Dalli. Fil-każ tal-promenad tal-Qajjenza, kienet sitwazzjoni differenti, għaliex l-ewwel sar il-proġett, imbagħad saret id-devoluzzjoni. Meta wieħed iressaq talba lill-Awtorità tal-Artijiet, ma jfissirx li għandu l-ownership tal-art. Meta fl-imgħoddi l-Kunsill kien dovut diversi ġonna, dejjem kellu l-baġit allokat. (SZ) issuġġerixxa li jew jieħu ħsieb kollox il-Gvern u jimmaniġjah hu, jew inkella jieħu ħsieb kollox il-Kunsill u jimmaniġjah il-Kunsill.

34.07.04 Fuq dan il-punt, il-viċi ssuġġerixxa, filwaqt li l-Kunsill qabel, li l-Kunsill għandu jsejjaħ għal laqgħa, mar-rappreżentanti tal-Ministeru tat-Turiżmu, sabiex jiċċara l-pożizzjoni tiegħu.

## 34.08 Punti mressqa mis-Segretarju Eżekuttiv

34.08.01 (SE) reġgħet fakkret lil kunsilliera li kienu għadhom ma provdux ir-write up għar-rapport annwali.

34.08.02 (SE) tat aġġornament dwar l-iproċessar tal-ingaġġ tal-iskrivan ġdid, wara li rċievet kwotazzjoni mill-kumpanija MISCO. Il-Kunsill ma approvax is-servizz ta' din il-kumpanija, filwaqt li l-viċi ser ikun qiegħed jgħaddi l-informazzjoni kollha lil (SE), biex jiġi ppubblikat l-avviż fil-gazzetti lokali.

34.08.03 (SE) talbet għall-approvazzjoni tal-Kunsill, fir-rigward tat-tiġdid tad-90 ġurnata tal-ingaġġ tad-deputat, segretarju eżekuttiv. Il-Kunsill approva dan it-tiġdid.

34.08.04 (SE) resqet talba mingħand resident li talab is-somma ta' €252.52, bħala dannu għal ħsarat ikkaġunati mill-ilma baħar. Il-Kunsill ma laqax din it-talba, minħabba li r-residenti huwa familjari maż-żona u jaf li hemm toroq alternattivi minn fejn jista' jgħaddi, filwaqt li hemm tabelli li jindikaw din il-problema, sabiex wieħed jevita li jgħaddi minn din iż-żona fit-tlugħ tal-ilma baħar.

## 34.09 Mistoqsijiet imressqa mill-kunsilliera

34.09.01 Il-kunsillier (SZ) beda s-sezzjoni tiegħu, billi ressaq talba mingħand resident, fejn issuġġerrixa li fejn jeżisti parkeġġ ta' mutur, għandhom ikun hemm tabelli li jindikaw dan. Il-Kunsill ma laqax din it-talba. Madankollu, il-Kunsill qabel li fejn hu possibbli nżidu l-parkeġġi għal muturi.

34.09.02 (SZ) ressaq talba għal lampa ġdida fi Triq il-Brolli, fejn diġà hemm eżistenti l-arblu għaliha. Il-Kunsill approva din it-talba.

34.09.03 (SZ) ressaq talba ta' xi residenti li joqogħdu ġewwa Tank street, mill-parti ta' Triq San Pawl, sal-parti ta' Triq San Stiefnu. Dawn ir-residenti wrew ix-xewqa li l-parkeġġ isir fuq id-direzzjoni opposta ta' din it-triq, minn fejn qiegħed isir preżenti. Il-viċi ssuġġerixxa li l-uffiċċju għandu jibgħat ittra lir-residenti kollha ta' din it-triq, għall-opinjoni tagħhom, qabel mal-Kunsill jagħti d-deċiżjoni tiegħu. Għaldaqstant, (SZ) ser ikun qiegħed jagħti l-informazzjoni kollha lil (SE), sabiex tipproċedi.

34.09.04 (SZ) talab għall-approvazzjoni tal-Kunsill, sabiex issir tabella n-naħa l-oħra, fi Triq iż-Żejtun. Il-Kunsill approva din it-tabella.

34.09.05 (SZ) ressaq rikjesta li rċieva mingħand perita, li wriet ix-xewqa biex tissieħeb fil-kumitat tal-Immaniġjar tat-Traffiku. Il-Kunsill approva din ir-rikjesta.

34.09.06 (SZ) staqsa lil (AC) dwar il-ħarruba li tinsab fit-Triq tal-Ġebel. (AC) qal li kellem lil kuntrattur, iżda qatt ma tah risposta sewwa.

34.09.07 (SZ) tkellem dwar talba li saret biex issir sleeping policeman, qabel tinżel għal Triq tal-Ġebel. Huwa qal li hemm żewġ possibilitajiet, jew li ssir one-way, jew li ssir l-isleeping policeman. (AC) irrimarka li din it-triq ma tinfitx. Madankollu, (SZ) wieġeb li ġiet tinfed ma' Triq ta' Mosè. Għaldaqstant, id-deċiżjoni kienet li ssir kemm one-way, kif ukoll l-isleeping policeman.

34.09.08 (SZ) spjega dwar il-proċedura eżistenti ġewwa l-uffiċċju, ta' meta ssir applikazzjoni għal shifting ta' lampa minn mal-faċċata residenzjali. Kif l-applikant qiegħed jispiċċa jħallas lil Enemalta biex taqta' l-wire, filwaqt li l-applikant qiegħed iħallas lil Kunsill biex jerġa' jreġġa lura l-lampa mal-faċċatta. (SE) spjegat illi dan ix-xogħol jingħata lil kuntrattur, li wara kollox, l-uffiċċju jkun qiegħed iħallas lil kuntrattur għal dan is-servizz. (SE) stqarret li wara li l-applikant ikun ser jagħmel żvilupp li ħafna drabi jkun ser jirrendi profit, mhux ġust fuq il-Kunsill li jispiċċa jħallas lil kuntrattur għan-nom tat-terzi. Għaldaqstant, sar qbiel sabiex (SZ) jipprovdi linji gwida kif l-uffiċċju għandu jipproċessa din it-tip ta' applikazzjoni.

34.09.09 (SZ) aġġorna lil Kunsill, kif il-GALXLOKK approva l-applikazzjoni relatata mar-restawr tal-pittura, fil-kappella tas-Sagra Familja.

34.09.10 (SZ) issuġġerixxa lil Kunsill sabiex jingħata anti-slip fir-rampi kollha tal-bankini. Il-Kunsill approva din it-talba.

34.09.11 (SZ) staqsa lil (SE) għal aġġornament dwar is-servizz għal dawl fil-parkeġġ ta' Wied il-Buni. (SE) ser issegwi l-korrispondenza tal-perit tal-proġett u tagħmel kuntatt.

34.09.12 (SZ) ressaq talba għall-approvazzjoni għal lampa ġdida, ħdejn Alfarun, fejn diġà hemm arblu eżistenti. Il-Kunsill approva din it-talba.

34.09.13 Il-kunsillier (DP) bdiet billi espremit id-diżappunt tagħha minħabba n-nuqqas tal-presenza tas-sehem tal-kunsillier (CS). Dan minħabba li kellu jxolji f' nofs is-seduta. (SZ) flimkien ma' (MM) ħassew li wkoll ma kienx ġust, filwaqt li l-viċi talab sabiex il-pożizzjoni ta' (CS) tiġi ċċarata. Għaldaqstant, is-Sindku talab lil (SE), sabiex tkun imniżżla bħala punt għad-diskussjoni fis-seduta li jmiss.

**Is-seduta waslet lejn tmiem it-tliet siegħat u ntalbet estenzjoni ta' 30 minuta, sabiex titkompla. Il-propononent għal din l-estenzjoni kien (SC), issekondat minn (JBD).**

34.09.14 (DP) talbet lis-(SE) sabiex tibgħat emajl lil MAFA, għal informazzjoni relatata mal-Animal Food Dispenser, kif diġà eżistenti fil-gżira ta' Għawdex.

34.09.15 (DP) talbet deċiżjoni finali mingħand il-Kunsill dwar jekk aħniex ser nipproċedu bit-twaħħil tat-tabelli tal-qtates. Il-Kunsill qabel li jipproċedi. Ser issir ordni ta' tmien tabelli, li (DP) ser tikkordina fejn għandhom jitwaħħlu.

34.09.16 (DP) reġgħet resqet it-talba lil (AC), biex il-kuntrattur ineħħi l-knaten li ħalla warajh, ħdejn il-Cat Cafè, f' Wied il-Buni.

34.09.17 (DP) tkellmet fuq l-inawgurazzjoni tad-dog park li sar fiż-Żejtun, u kif sfortunatament ma ġiex inkorporat fl-applikazzjoni tal-proġett ta' Bengħisa, hekk kif kien mistenni. Għaldaqstant, staqsiet lil (SZ) jekk kienux saru s-sottomissjonijiet għal dan il-proġett, filwaqt jekk dan il-proġettt jistax jiġi ppjanat f'żona oħra fil-lokal. (SZ) wieġeb li l-Kunsill kien qabel li ma jiġux inklużi minħabba li dawk imorru 'l bogħod mill-applikazzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar. Madankollu s-Sindku stqarr li l-artijiet t' hemm, huma kollha tal-privat. (SZ) semma l-pjan tal-Girghien, li kien hemm imsemmi razzett. (AC) wieġeb li skont policy tal-Gvern, l-irziezet ma jistgħux jgħadduhom lil ħadd, ħlief lil bdiewa, filwaqt li ġewwa Birżebbuġa ma jeżistux artijiet li jistgħu jiġu kkunsidrati għal dan il-għan. Il-viċi ssuġġerixa li dan jista' jsir fi Triq il-Kartaġiniżi ma' Triq il-Port Ħieles, billi tingħalaq parti mil-ġnien żgħir, fi Triq Dun Ġorġ Zammit. (SZ) qal li hemm rokna fejn qegħdin jibnu bħalissa u li qiesha xtur bejn il-bini. Din hija soft area fi Triq Dun Ġorġ Zammit, ma' Triq il-Port Ħieles. (DP) tkellmet ukoll fuq il-proġett għal bini tad-djar tal-qtates, kif ukoll fuq il-kwotazzjonijiet għall-ikel tal-qtates.

34.09.18 (DP) tkellmet fuq talba li saritilha min soru, sabiex jinstab post għat-tagħlim tat-tfal. (SZ) issuġġerixxi li l-knisja għanda postijiet bħal mużew tas-subien. Il-Kunsill ikkonkluda li m'għandux post fejn jista' joffri għal dan il-għan.

34.09.19 Il-kunsillier (MM) staqsiet lil (SZ) dwar in-nuqqas ta' dawl f' Wied il-Buni. (SZ) wieġeb li dan il-punt, diġà ġie mqajjem waqt din is-seduta u ser jiġi msegwi.

34.09.20 (AC) staqsa lil (MM) dwar aġġornament fuq l-ismart bins. (MM) wieġbet li ma smajna xejn.

34.09.21 (MM) tkellmet fuq soft area ta' ta' Triq l-Għerien, fil-Qajjenza. Din iż-żona mhiex inkluża fil-kuntratt tal-ġonna, filwaqt li l-ħaxix reġa' kiber. Hija stqarret li kienet kitbet lil ELC, iżda qatt ma rċeviet risposta. Il-Kunsill qabel li għandha tipprovdi l-kwotazzjonijiet għal dan is-servizz.

34.09.22 (MM) tkellmet fuq il-problema li qed ikollna bil-bins imfawrin fi Triq San Patrizju, kif ukoll bil-boroż is-suwed, mitluqa fuq il-promenade, dejjem fl-istess post. (MM) talbet lil (SZ), sabiex jitlob li ssir solveljanza frekwenti.

34.09.23 (MM) talbet sabiex issir talba lil Clean Malta, biex toffri servizz ta' sanitizing fil-latrini tal-lokal. (SE) ser tressaq din it-talba.

34.09.24 (MM) staqsiet lil (AC) jekk hux possibbli li Triq il-kitarristi tiddjieq, minħabba rimi ta' skart illegali. (AC) qal li qed jistenna lil (SZ) idur it-traffic diversion. Madankollu, is-Sindku ma qabilx ma' dan is-suġġeriment, minħabba li qal li dik it-triq saret wiesa' biex il-karozzi jaqilgħu naqra 'l barra, huma u għaddejjin.

34.09.25 (MM) tkellmet ukoll fuq il-problema li hemm fi Triq Marnisi, fejn jidher biċ-ċar li xi bejjiegħ tal-ħaxix, qiegħed jiddisponi l-kaxxi tal-frott, f' dik iż-żona. (MM) talbet lil (SZ) sabiex jikkordina aktar solveljanza f' dik iż-żona.

34.09.26 Il-kunsillier (AC) ta aġġornament fuq ix-xogħol tal-hording li ser ikun qiegħed isir mill-Enemalta, fuq l-eks impjant tal-Gas, ġewwa l-Qajjenza, minħabba l-istat perikoluż tiegħu.

Għaldaqstant, il-bus stop kellu jiġi ppostponut fid-direzzjoni opposta, filwaqt li stqarr li dik il-bankina tintuża biss mill-passiġieri li jkunu qegħdin jistennew il-karozza tal-linja, f' dik iż-żona. Il-viċi ma qabilx mal-hording u qal li importanti li jsewwu l-ħajt. (AC) wieġeb li hemm applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar, li hija kkunsidrata bħala stat ta' emerġenza.

34.09.27 (AC) reġa' qajjem il-punt, kif il-Kunsill għadu ma sabx ġurnata biex jiddiskuti l-Bye-Law relatata mal-caravans, ġewwa Birżebbuġa. Il-Kunsill ippropona li jiltaqa' l-ġimgħa ta' wara. Madankollu, (SE) aġġornat kif qed taħdem mal-Awtorità tat-Trasport, fuq dan il-għan, sabiex jerġgħu jitwaħħlu tabelli segwenti.

34.09.28 (AC) ta aġġornament dwar it-twaħħil tal-automatic barrier, tax-xatt. Huwa semma, kif iż-żewġ restoranti ser ikunu qegħdin jikkordinaw bejniethom, filwaqt li l-Kunsill mhuwiex ser ikun inkluż f' dan is-servizz relatat mas-sistema personali għalihom, tat-twaħħil tal-hall porter. (AC) qal li l-uffiċċju ser ikun qiegħed jordna għaxar access cards oħra, filwaqt li fakkar lil (SZ) dwar il-parkeġġ approvat għall-anzjana.

34.09.29 (AC) aġġorna lil Kunsill kif instab il-post permamenti għat-tank tal-ilma, fil-parkeġġ ta' San Ġorġ, għall-Għaqda Sajjieda Dilettanti.

34.09.30 (AC) aġġorna wkoll kif il-Malta Public Transport, ser tiżbogħ il-kaxxa tal-istage tal-bus stop, fil-Bajja s-Sabiħa.

34.09.31 (AC) tkellem fuq id-diskussjoni li kellu mal-ispettur tal-pulizija tad-distrett, dwar sentenza li għadha mistennija mill-Qorti, dwar id-dgħajjes mejta li hemm fil-parkeġġ ta' San Ġorġ.

34.09.32 Il-viċi talab lis-(SE) sabiex tressaq ilment mal-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi, dwar l-ilma maħmuġ li hemm wara l-eks lido, wara li l-proġett kellu jieqaf minħabba l-ilma baħar. (SE) talbet għal aktar informazzjoni minħabba li dan huwa lment relatat mad-dipartiment tas-Sanità u m' għandux x' jaqsam mal-ERA.

34.09.33 Il-viċi talab lis-(SE) sabiex tagħmel talba mad-department tal-Cleansing, sabiex isir tindif fiż-żona ta' Borg in-Nadur. (SE) ser tipproċedi.

34.09.34 Il-viċi ressaq għal approvazzjoni tal-Kunsill, sabiex b' kollaborazzjoni ma' Aġenzija Żgħażagħ, issir tinda żgħira biex tilqa' mill-qilla tax-xemx, fuq l-iskate park. Din it-talba ġiet milqugħa mill-membri kollha preżenti.

34.09.35 Il-viċi staqsa lis-(SE) dwar il-laqgħa li kienet proposta mal-Ministru Herrera. (SE) wieġbet li din il-laqgħa kienet ġiet postposta għal wara r-rilaxxament tal-miżuri preżenti. Aġġornament ta' data ġdida, għanda tingħata aktar 'l quddiem.

34.09.36 Il-viċi staqsa lil (SZ) dwar is-CCTVs allokati mill-fondi tar-Reġjun. (SZ) wieġeb li qiegħed jitkellem ma' tad-Data Protection dwar fixed assessment fi Ġnien l-Indipendenza, Misraħ is-Summit u quddiem il-Bank, fil-Bajja s-Sabiħa.

34.09.37 Il-Kunsillier (JBD) aġġornat lil Kunsill fuq il-laqgħa li kellha mal- FSWS, relatata mal-food bank. (JBD) talbet sabiex il-Kunsill joffri rokna mis-sala tal-Komunità, għal dan il-għan. (SZ) ser jitkellem mas-surġent tal-CP u jaġġorna permezz ta' emajl.

34.09.38 (JBD) resqet talba, sabiex isir communial parking, fi Triq Garibaldi. (SZ) wieġeb li jekk ir-residenta diġà għandha garaxx, dan ma jistax issir. Madankollu, ippropona li ssir in-naħa tal-Ġnien. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

34.09.39 (JBD) staqsiet dwar ir-road humps, fil-Qajjenza. (SZ) wieġeb li (AC) diġà għaddielu l-pjan, biex jiġu diskuss l-ewwel darba li jerġa' jiltaqgħa l-kumitat tal-Immaniġġjar tat-Traffiku.

34.09.40 (JBD) staqsiet lil (SZ) fuq talba għal parkeġġ ta' mutur, fi Triq il-Mandolina. (SZ) wieġeb, li din il-persuna li resqet it-talba, diġà għandha garaxx bil-parkeġġ quddiemu, u għaldaqstant, ma tagħmilx sens li jinqasam parkeġġ allokat għal karozza bejn żewġ parkeġġi għal muturi.

39.09.41 (JBD) ġibdet l-attenzjoni lil (MM) li s-siġar ta' wara l-knisja, ma jissaqqux. (MM) ser issegwi.

39.09.42 (JBD) tkellmet fuq il-mera fi Triq iz-Zibra, li hi ta' dimensjoni żgħira. (SE) wieġbet li saret ordni biex tinbidel.

39.09.43 Il-kunsillier (JB) staqsa lil (AC) dwar it-tappieri fi Triq il-Qroll. (AC) wieġeb li dawn it-tappieri ser jinbidlu u jsiru tal-ħadid.

39.09.44 (JB) tkellem ukoll, kif l-inizzjattiva li jintbgħatu l-kartolini ta' għeluq is-sena, hekk kif twaqqfu ħesrem mill-uffiċċju. Is-(SE) wieġbet li dawn twaqqfu minħabba li l-posta kien qed ikun hemm kjuwijiet kbar ta' nies, filwaqt li l-uffiċċju ma kellhomx lista aġġornata. Il-Kunsill qabel li dan il-ġest ħelu għandu jitkompla u għaldaqstant, (SE) ser taġġorna lill-uffiċċju. (JB) offra li ser ikun qiegħed hu li jipproċessahom, filwaqt li l-uffiċċju jgħaddilu l-materjal kollu.

## 34.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

34.10.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata fl-għaxra nieqes kwart ta' filgħaxija. Il-Kunsill qabel li d-data tas-seduta li jmiss, tkun it-Tlieta, 4 ta'Mejju, 2021, fil-ħamsa u nofs ta' waranofsinhar. Deċiżjoni jekk il-laqgħa hix ser issir virtwali jew le, ser tittieħed aktar 'il quddiem, skont il-miżuri li jkunu fis-seħħ.

| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
|---|---|
| ___________________________ | _________________________ |
| Joseph Farrugia | Rosalie Mintoff |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |